

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de las Islas Baleares  
(Spanja) fis-7 ta' Ottubru 2022 – J.M.A.R vs C.N.N., SA**

**(Kawża C-631/22)**

(2023/C 24/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de las Islas Baleares

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: J.M.A.R.

Konvenut: C.N.N., SA.

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impieg u fix-xogħol (¹), fid-dawl tal-premessi 16, 17, 20 u 21 tal-preambolu tagħha, tal-Artikoli 21 u 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikoli 2 u 27 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 (²)), għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni nazzjonali li tqis id-diżabbiltà tal-ħaddiem (meta jiġi ddikjarat li jkun qiegħed f'sitwazzjoni ta' diżabbiltà permanenti u totali għall-professjoni abitwali tiegħu, mingħajr perspettiva ta' titjib) bħala kawża awtomatika ta' terminazzjoni tal-kuntratt ta' xogħol, mingħajr il-kumpannija li timpjega ma tkun obbligata, qabel, li tikkonforma ruħha mal-obbligu li tadotta "akkomodazzjoni raġjonevoli" impost mill-Artikolu 5 tad-Direttiva sabiex iżżomm l-impieg (jew tiġġustifika l-oneru eċċessiv ta' tali obbligu)?
- 2) L-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/78, fid-dawl tal-premessi 16, 17, 20 u 21 tal-preambolu tagħha, tal-Artikoli 21 u 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tal-Artikoli 2 u 27 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009), għandhom jiġi interpretati fis-sens li t-terminazzjoni awtomatika tal-kuntratt ta' xogħol ta' ħaddiem minħabba diżabbiltà (meta jiġi ddikjarat li jkun qiegħed f'sitwazzjoni ta' diżabbiltà permanenti u totali għall-professjoni abitwali tiegħu, mingħajr il-persuna li timpjega ma tkun obbligata, qabel, li tikkonforma ruħha mal-obbligu li tadotta "akkomodazzjoni raġjonevoli" impost mill-Artikolu 5 tad-Direttiva sabiex iżżomm l-impieg (jew tiġġustifika l-oneru eċċessiv ta' tali obbligu), tikkostitwixxi diskriminazzjoni direta, u dan anki meta dispożizzjoni legali nazzjonali tiddetermina tali terminazzjoni?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79.

(²) Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konkużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (ĠU 2010, L 23, p. 35).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fl-10 ta' Ottubru 2022 – AB  
Volvo vs Transsaqui S.L.**

**(Kawża C-632/22)**

(2023/C 24/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo